**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2006**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Form 3** **STORJA** **Ħin: Siegħa u Nofs**

**Isem**: ______________________ **Klassi**: ______________________

---

# L-Ewwel taqsima: Il-Belt Valletta u Wirt ieħor tal-Kavallieri

☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ?

**A**: **Aqta' sing taħt ir-risposta t-tajba**:

1. Il-bini tal-Belt Valletta beda fis-sena (1530, 1565, 1566, 1570).
2. Il-Belt Valletta ġiet mibnija fuq post magħruf bħala (Daħlet ix-Xwieni, il-Ponta ta' Sant Jiermu, l-Għolja Sciberras).
3. It-toroq tal-Belt ġew ippjanati (mgħawġin, dritti, wisgħin 40 metru).
4. (Il-Palazzo, Il-Mandraġġ, Il-Gran Galeone) kien barriera kbira minn fejn bdew jaqtgħu l-ġebel għall-bini tal-Belt.
5. Il-Knisja ta' San Ġwann inbniet mill-Kavallieri biex tkun (il-Katidral, il-Knisja Konventwali, il-Kunvent tal-Patrijiet kollha).
6. Għall-ewwel il-Belt kellha żewġ bibien. Dawn kienu l-bieb ta' Marsamxett u (Porta Marina, Porta Del Monte, Porta San Giorgio).
7. Ġlormu Cassar għamel il-pjanta (tal-Knisja ta' San Pawl, tal-Firenzuola Lines, tal-Cottonera Lines).
8. (Il-pittura tal-Caravaggio, Is-Sala tat-Tron, L-Arloġġ tal-Mori) hija opra kbira ta' l-arti fl-Oratorju ta' maġenb il-Knisja ta' San Ġwann.

**(marka 1 x 8 = 8 marki)**

**B**: **MIN JIEN? Agħżel mil-lista mogħtija**:

*Lapparelli, Ġlormu Cassar, Papa Piju V, Del Monte, La Cassiere, La Valette.*

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Lill-Kavallieri jien bgħattilhom perit biex jagħmlilhom il-pjanti tal-belt kapitali l-ġdida ta' Malta. | |
| 2 | Il-Belt issemmiet għalija. | |
| 3 | Jien perit Malti; studjajt l-Italja; għamilt il-pjanti tal-bereġ li hemm il-Belt Valletta. | |
| 4 | Il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann bnejtha jien minn flusi. | |
| 5 | Jien għamilt il-pjanti tas-swar tal-Belt. | |
| 6 | Jien ftaħt it-tielet bieb fil-Belt. | |

**(marka 1 x 6 = 6 marki)**

Kemm fhimt ? Kemm fhimt ? Kemm fhimt ?

**C**: **<u>Aqra</u>**: Stampa Numru 1 (xellug) turina l-Berġa ta' Aragona, filwaqt li Stampa Numru 2 (lemin) turina l-Berġa ta' Kastilja.




**<u>Wieġeb</u>**:

(1) Liema stampa turina faċċata mibnija fuq stil BAROKK?

______________________________________________ (1)

(2) Liema stampa turina faċċata mibnija fuq stil RINAXXIMENTALI?

______________________________________________ (1)

(3) Semmi differenza li tara bejn iż-żewġ stili:

____________________________________________________

______________________________________________ (2)

**(total = 4 marki)**

**D**: **<u>Aqra, aħseb, imbagħad wieġeb</u>**: Jgħidu li l-Kavallieri ma ridux jibqgħu Malta. Huma xtaqu jerġgħu jmorru fil-gżira ta' Rodi. Pero` wara l-Assedju l-Kbir, il-Kavallieri iddeċidew li jibnu belt kapitali ġdida, isaħħu l-gżira u jibqgħu hawn għal kollox.

(1) Kif kienet is-sitwazzjoni f'Malta eżatt wara l-Assedju l-Kbir? ____________________________________

______________________________________________________________________________ (2)

(2) Agħti raġuni waħda għaliex, wara l-Assedju, La Valette u l-Kavallieri ddeċidew li jibqgħu hawn.

______________________________________________________________________________ (2)

**(total = 4 marki)**

# It-tieni taqsima: Id-difiża ta' Malta fi Żmien il-Kavallieri

☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ?

**E**: **<u>Wieġeb billi tikteb VERU jew FALZ</u>**:

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Is-swar tal-Belt Valletta tlestew qabel dawk tal-Cottonera. | |
| 2 | Wara l-Assedju, il-Forti Sant Jiermu reġa' nbena, imma mhux fl-istess post li kien qabel. | |
| 3 | Il-Cottonera Lines huma iżgħar mill-Firenzuola Lines. | |
| 4 | Il-Forti Tigne` għandu għamla tonda. | |
| 5 | Il-Forti Manoel inbena biex tissaħħaħ il-Belt min-naħa ta' Marsamxett. | |
| 6 | Is-swar tal-Furjana nbnew fi żmien il-Granmastru De Paule. | |
| 7 | De Redin bena 13-il torri ta' l-għassa madwar il-kosta ta' Malta. | |
| 8 | L-ewwel inbena l-Forti Manoel, imbagħad il-Forti Tigne`. | |

**(marka 1 x 8 = 8 marki)**

**F**: **<u>Qabbel billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta</u>**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Torri Santa Marija | Xgħajra Żabbar | |
| 2 | Torri Madonna tal-Grazzja | Marsascala | |
| 3 | Torri Wignacourt | Marsaxlokk | |
| 4 | Forti San Tumas | San Pawl il-Baħar | |
| 5 | Forti San Luċjan | Mġarr Għawdex | |
| 6 | Forti Chambray | Kemmuna | |

**(marka 1 x 6 = 6 marki)**

**G**: **<u>Imla l-erba' fortifikazzjonijiet fil-kaxxi tal-mappa</u>**:

*Senglea, Forti Sant Jiermu, Forti Manoel, Kastell Sant'Anġlu.*




**(4 marki)**

Kemm fhimt ? Kemm fhimt ? Kemm fhimt ?

**H**: **<u>Ħares lejn il-fortifikazzjonijiet, imbagħad wieġeb</u>**:




**<u>Wieġeb</u>**:

1. Liema fortifikazzjonijiet inbnew biex jiddefendu l-Port il-Kbir u Marsamxett?

   ______________________________________________

2. Għalfejn kienu jintużaw it-torrijiet ta' De Redin? ______________________

3. X'effett pożittiv kellu l-bini tal-Forti San Tumas u t-torrijiet ta' De Redin fuq il-bdiewa Maltin?

   ______________________________________________

4. Semmi ħaddiem li gawda mill-bini tal-fortifikazzjonijiet.

   ______________________________________________

5. Semmi xi ħaġa li tista' tagħmel ħsara lil dawn il-fortifikazzjonijiet.

   ______________________________________________

6. X'użu jista' kellu illum dawn il-fortifikazzjonijiet?

   ______________________________________________

**(marka 1 x 6 = 6 marki)**

# It-tielet taqsima: It-tmexxija tal-Kavallieri

☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ?

**I**: **<u>Imla l-vojt bil-kliem mogħti</u>**:

{ ilsira, Ximenes, Pinto, fit-Tarzna, qamħ, aguzzino, sibbien, qalfat }

1. Permezz tax-xwieni, il-Kavallieri kienu jġibu l-oġġetti essenzjali bħall- _______________ minn Sqallija.
2. Il- __________________________ kien jimla bl-istoppa l-fili ta' bejn l-injam tax-xwieni.
3. Il-qaddiefa tax-xwieni kienu jiġu sfurzati u mġiegħla jaqdfu mill- __________________________ .
4. Ix-xwieni kienu jissewwew __________________________ tal-Birgu.
5. Kelma oħra flok pirati hija __________________________ .
6. L- __________________________ kienu mġiegħla jaqdfu bilfors mingħajr ħlas.
7. Il-Konfoffa ta' l-Ilsira ġrat fi żmien il-Granmastru __________________________ .
8. L-Irvell tal-Qassisin ġara fi żmien il-Granmastru __________________________ .

**(marka 1 x 8 = 8 marki)**

**J**: **<u>Wieġeb</u>**:

1. Semmi battalja famuża fuq il-baħar li fiha ħadu sehem il-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1571.
   ______________________________________________________________________

2. Semmi qaddis li l-Maltin kienu jitolbuh biex jeħlishom mill-furbana.
   ______________________________________________________________________

3. Semmi fortizza fil-Belt li ġiet attakkata mir-ribelli fl-Irvell tal-Qassisin.
   ______________________________________________________________________

4. Min kien il-Granmastru li wassal l-ilma fil-Belt permezz ta' l-Akwedott?
   ______________________________________________________________________

5. Kif kienet magħrufa l-Qorti fi Żmien il-Kavallieri?
   ______________________________________________________________________

**(marka 1 x 5 = 5 marki)**

Kemm fhimt ? Kemm fhimt ? Kemm fhimt ?

**K**: **<u>Ħares lejn l-istampi. Imbagħad wieġeb</u>**:







**<u>Wieġeb</u>**:

1. Liema minn dawn kont issib f'xi palazz il-Belt jew f'xi palazz l-Imdina, in-nies ta' stampa A jew dawk ta' stampa B? ______________________________________________ (1)

2. Ma' min taħseb li kont tiltaqa' f'xi razzett, man-nies ta' stampa A jew B? __________ (1)

3. Semmi kif il-Maltin kienu jagħmlu użu mill-**Monte di Pieta`**.
   ______________________________________________________________________ (2)

4. Il-**proġetti** li wettqu l-Kavallieri f'Malta ġabu ġid u progress għall-popolazzjoni. Taqbel jew le? Ikteb dwar din it-tema u semmi mill-inqas tliet proġetti li wettqu l-Kavallieri f'Malta.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

____________________________________________________________________ (6 marki)

**(total Eżerċizzju K = 10 marki)**

# Ir-raba' taqsima: <u>**Il-Franċiżi f'Malta**</u>

☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ?

**L**: <u>**Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba**</u>:



1. Il-Kmandant Ġenerali tal-flotta Franċiża li ħadet f'idejha l-Gżejjer Maltin:
   Voltaire, Robespierre, Napuljun, La Valette, Lwiġi XVI
2. Il-Granmastru fi żmien l-invażjoni Franċiża:
   De Rohan, De Vilhena, Hompesch, Ximenes, Pinto
3. Is-sena li fiha l-Franċiżi ħadu f'idejhom il-Gżejjer Maltin:
   1800, 1798, 1700, 1750, 1964
4. Il-pajjiż li minnu l-Kavallieri kienu jdaħħlu l-iktar flus mir-renti sa l-1789.
   Ingilterra, Svezja, Franza, Tuneżija, Amerika.
5. L-iskuża li ġabu l-Franċiżi biex jidħlu fil-Port il-Kbir kienet li kellhom bżonn:
   avukat, l-ilma, tabib, it-truppi, il-qamħ.
6. Permezz tar-riformi ta' Napuljun il-Gżejjer Maltin inqasmu f'muniċipalitajiet. F'kemm-il muniċipalita` nqasmu? 5, 12, 20, 30, 40.
7. Pajjiż li għen lill-Maltin fl-Imblokk tal-Franċiżi:
   Ġappun, Libja, Ingilterra, Eġittu, Ġermanja.
8. Qassis li pprova jorganizza konfoffa kontra l-Franċiżi maqfulin wara s-swar tal-Belt:
   Dun Xand Cortis, Dun Mikiel Xerri, Dun Bert Bezzina, Dun Anton Portelli, Dun Manwel Agius.
9. Kaptan Ingliż li għen lill-Maltin kontra l-Franċiżi:
   Sir M White, Alexander Ball, George V, Ferdinand Smith, John Simpson.
10. Malti li ħadem favur il-Lingwa Maltija u favur il-Franċiżi:
    Ġlormu Cassar, Tumas Dingli, Mikiel Anton Vassalli, Ġuże` Aquilina, Dun Karm.

**(marka 1 x 10 = 10marki)**

Kemm fhimt ? Kemm fhimt ? Kemm fhimt ?

**M**: **<u>Ħares lejn din l-irħama</u>**. *L-irħama hija tifkira ta' l-ewwel ġlied li sar bejn il-Maltin u l-Franċiżi.*

**<u>Wieġeb</u>**:




1. Fejn beda l-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi?

_______________________________________ (1)

2. X'nazzjonalita` kienu l-irġiel maqtula li huma msemmija fuq l-irħama?

_______________________________________ (1)

3. Kemm-il xahar għadda minn meta saret l-invażjoni ta' Malta mill-Franċiżi sakemm beda l-irvell?

_______________________________________ (1)

4. Immaġina li dakinhar li bdew l-irvellijiet kontra l-Franċiżi inti kellek 13-il sena u kont preżenti. Ikteb dwar il-ġrajjiet ta' dakinhar u għid x'ħassejt meta rajt dawk l-inċidenti.

_______________________________________

_______________________________________

_______________________________________

_______________________________________

_______________________________________

_______________________________________ (5 marki)

**(total = 8 marki)**

## Il-Ħames Taqsima: **BLIET U RĦULA**

Kemm fhimt ? Kemm fhimt ? Kemm fhimt ?

**N**: **<u>Aqra</u>**: *Xi rħula kbar ingħataw it-titlu ta' Citta` (li tfisser* BELT*). Fl-istampa tidher il-mina De Rohan; Ħaż-Żebbuġ ingħata t-titlu ta' Citta` De Rohan.*



**<u>Wieġeb</u>**:

(1) Semmi raħal kbir ieħor li ngħata t-titlu ta' Citta`: _____________(1)

(2) Ikteb it-titlu li ngħata dan ir-raħal: __________________________(1)

(3) Ikteb paragrafu qasir dwar **IL-KARATTERISTIĊI TAR-RAĦAL MALTI**. Semmi mill-inqas żewġ karatteristiċi?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________ (4 marki)

**(total = 6 marki)**

| ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? ☺ Kemm taf ? |
|---|

**O**: **<u>Ħares lejn l-istampi imbagħad wieġeb</u>**:




1. Liema stampa turina l-belt kapitali l-iktar antika li kellha Malta? ______________________(1)
2. Liema stampa turina l-belt fejn marru joqogħdu l-Kavallieri għall-ewwel li dawn ġew Malta? ______________________________________ (1)
3. Liema stampa turina fejn kienu jistkennu l-Għawdxin waqt xi ħbit mill-furbani? __________________ (1)
4. Agħti l-isem tas- subborg ta' l-Imdina: ____________________________________ (1)
5. Aqta' sing taħt raħal kbir Malti f'ritratt C: Baħrija, Żurrieq, Fawwara, Xgħajra, Mdina. (1)
6. Semmi raħal Malti li kien jeżisti fi żmien il-Kavallieri, imma li llum spiċċa. ___________________ (1)
7. Semmi belt, subborg jew raħal li beda u żviluppa bi pjan, jiġifieri bit-toroq dritti (issemmix lill-Belt Valletta). ____________________________________________________________________________ (1)

**(total = 7 marki)**

**Tmiem il-Karta**